



EMA/69114/2023  
EMEA/H/C/006006

## Dapagliflozin Viatris (*dapagliflozin*)

Ħarsa ġenerali lejn Dapagliflozin Viatris u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Dapagliflozin Viatris u għal xiex jintuża?

Dapagliflozin Viatris huwa medċina li tintuża għall-kura ta' dijabete tat-tip 2, insuffiċjenza kronika (fit-tul) tal-qalb u mard kroniku tal-kliewi.

Fid-dijabete tat-tip 2, Dapagliflozin Viatris jintuża fl-adulti u fit-tfal li għandhom 10 snin u aktar li l-kondizzjoni tagħihom ma tkunx ikkontrollata tajjeb biżżejjed. Dan jintuża flimkien ma' dieta u eżerċizzju xierqa f'pazjenti li ma jistgħux jieħdu l-metformin (medċina oħra kontra d-dijabete). Jista' jintuża wkoll bħala kura "miżjuda" ma' mediciċini oħrajn kontra d-dijabete.

F'insuffiċjenza kronika tal-qalb (inabbiltà tal-qalb li tippompja biżżejjed demm madwar il-ġisem), Dapagliflozin Viatris jintuża f'adulti li għandhom sintomi tal-marda u frazzjoni mnaqqsa ta' ħruġ 'il-barra (kejl ta' kemm il-qalb tippompja tajjeb id-demm).

Dapagliflozin Viatris jintuża wkoll f'adulti b'mard kroniku tal-kliewi.

Dapagliflozin Viatris huwa "mediċina ġenerika". Dan ifisser li Dapagliflozin Viatris fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediċina ta' referenza" digħi awtorizzata fl-UE li jisimha Forxiga. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediciċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibet [hawnhekk](#).

Dapagliflozin Viatris fih is-sustanza attiva dapagliflozin.

### Kif jintuża Dapagliflozin Viatris?

Dapagliflozin Viatris jiġi bħala pilloli u jista' jinkiseb biss b'rīċetta ta' tabib.

Għad-dijabete tat-tip 2, għall-insuffiċjenza kronika tal-qalb u għall-mard kroniku tal-kliewi, id-doża rakkodata ta' Dapagliflozin Viatris hija ta' 10 mg darba kuljum.

Għad-dijabete tat-tip 2, jekk Dapagliflozin Viatris jintuża mal-insulina jew mediciċini li jgħinu lill-ġisem jipproċi l-insulina, jista' jkun hemm bżonn li d-dożi ta' dawn il-mediciċini jitnaqqsu biex tiġi evitata l-ipogliċemija (livelli baxxi ta' zokkor fid-demm).

Għal aktar informazzjoni dwar l-użu ta' Dapagliflozin Viatris, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.



## **Kif jaħdem Dapagliflozin Viatris?**

Is-sustanza attiva f'Dapagliflozin Viatris, dapagliflozin, timblokka l-azzjoni ta' proteina fil-kliewi li tissejja ħi kotrasportatur 2 ta' sodium-glucose (SGLT2). Hekk kif id-demm jiġi ffiltrat mill-kliewi, SGLT2 twaqqaf lill-kliewi milli jgħaddu l-glucose mid-demm għal ġol-urina. Il-pazjenti bid-dijabete għandhom livelli għoljin ta' glucose fid-demm. Billi timblokka l-azzjoni ta' SGLT2, dapagliflozin jikkawża lill-kliewi jgħaddu iktar glucose fl-urina, u b'hekk jitnaqqsu l-livelli ta' glucose fid-demm.

L-imblokkar tal-azzjoni tal-SGLT2 jappoġġa wkoll il-funzjoni tal-qalb f'pazjenti b'insuffiċjenza kronika tal-qalb u fil-funzjoni tal-kliewi f'pazjenti b'mard kroniku tal-kliewi, irrisspettivament jekk ikollhomx id-dijabete. L-azzjonijiet ta' Dapagliflozin iżiđu t-tnejħiha tal-melħ u l-ilma fl-urina. Dan inaqqsas il-volum globali tad-demm, ibaxxi l-isforz meħtieġ mill-qalb biex tippompja d-demm, u b'hekk ittejjeb il-funzjoni tagħha f'pazjenti b'insuffiċjenza tal-qalb kif ukoll tinżamm il-funzjoni tal-kliewi.

## **Kif ġie studjat Dapagliflozin Viatris?**

Studji dwar il-benefiċċji u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użijiet awtorizzati digħà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Forxiga, u m'għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Dapagliflozin Viatris.

Bħal fil-każ ta' kull mediċina, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Dapagliflozin Viatris. Il-kumpanija wettqet ukoll studju li wera li huwa "bijoekwivalenti" għall-mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini jkunu bijoekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem u għalhekk huma mistennija li jkollhom l-istess effett.

## **X'inhuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Dapagliflozin Viatris?**

Minħabba li Dapagliflozin Viatris huwa mediċina ġenerika u huwa bijoekwivalenti għall-mediċina ta' referenza, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## **Għaliex Dapagliflozin Viatris ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Dapagliflozin Viatris wera li għandu kwalità komparabbli u huwa bijoekwivalenti għal Forxiga. Għaldaqstant, il-fehma tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Forxiga, il-benefiċċji ta' Dapagliflozin Viatris huma akbar mir-riskji identifikati u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qeqħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Dapagliflozin Viatris?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkmandazzjonijiet u l-prekawżjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Dapagliflozin Viatris.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Dapagliflozin Viatris hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati rrappurtati bi Dapagliflozin Viatris huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex il-pazjenti jiġu protetti.

## **Informazzjoni oħra dwar Dapagliflozin Viatris**

Aktar informazzjoni dwar Dapagliflozin Viatris tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/dapagliflozin-viatris](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/dapagliflozin-viatris). Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija.